DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-7 ta' Diċembru 2012

li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2009/4 dwar id-derogi li jistgħu jingħataw skont ir-Regolament (KE) Nru 958/2007 dwar statistika fir-rigward tal-attiv u l-passiv ta' fondi ta' investiment (BĊE/2007/8)

(BĊE/2012/28)

(2013/20/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 958/2007 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-27 ta' Lulju 2007 dwar statistika fir-rigward tal-attiv u l-passiv ta' fondi ta' investiment (BĊE/2007/8) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) tiegħu,

Billi:

(1) Il-kategoriji ta' fondi ta' investiment (FI) li l-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) għandhom id-diskrezzjoni li jagħtuhom derogi skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 958/2007 huma stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni BĊE/2009/4 tas-6 ta' Marzu 2009 dwar id-derogi li jistgħu jingħataw skont ir-Regolament (KE) Nru 958/2007 dwar statistika fir-rigward tal-attiv u l-passiv ta' fondi ta' investiment (BĊE/2007/8) [2],

(2) Waqt illi l-kategoriji ta' FI stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni BĊE/2009/4 jibqgħu mhux mibdulin, l-Anness għandu jkun emendat sabiex ċerti referenzi għal-leġiżlazzjoni nazzjonali jiġu aġġornati,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni BĊE/2009/4 huwa mibdul bit-test stipulat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-BĊNi tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-7 ta' Diċembru 2012.

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

[1] ĠU L 211, 11.8.2007, p. 8.
[2] ĠU L 72, 18.3.2009, p. 21.

ANNESS

"ANNESS

Kategoriji ta' fondi ta' investiment li għalihom jistgħu jingħataw derogi skont l-artikolu 3(2) tar-regolament (KE) Nru 958/2007

Stat Membru	Isem tl-kategorija tal-FI	Att legali fir-rigward tal-kategorija			Att legali li jiddetermina l-frekwenza tal-valutazzjoni			Frekwenza tal-valutazzjoni skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali
		Titolu tal-att legali	Numru/data tal-att legali	Dispożizzjonijiet relevanti	Titolu tal-att legali	Numru/data tal-att legali	Dispożizzjonijiet relevanti	
Il-Greċja	*Εταιρίες επενδύσεων σε ακίνητη περιουσία* (Kumpaniji ta' investiment fil-bini)	*Αμοιβαία Κεφάλαια Ακίνητης Περιουσίας – Εταιρίες Επενδύσεων σε Ακίνητη Περιουσία και άλλες διατάξεις* *(Liġi dwar fondi komuni fil-bini – kumpaniji ta' investiment fil-bini u dispożizzjonijiet legali oħra)*	Nru 2778 tat-30 ta' Diċembru 1999	Artikolu 21	*Αμοιβαία Κεφάλαια Ακίνητης Περιουσίας – Εταιρίες Επενδύσεων σε Ακίνητη Περιουσία και άλλες διατάξεις* *(Liġi dwar fondi komuni fil-bini – kumpaniji ta' investiment fil-bini u dispożizzjonijiet legali oħra)*	Nru 2778 tat-30 ta' Diċembru 1999	Artikoli 22(7) u 27(3) u (4)	Annwali
Franza	*Fonds commun de placement à risque* (Fondi komuni ta' kapital ta' riskju)	*Code monétaire et financier* (Kodiċi monetarju u finanzjarju)		Kapitolu IV, Taqsima 1, sub-taqsima 2, L214-28 sa L214-32	*Règlement général de l'Autorité des Marchés Financiers* (Regolament ġenerali tal-Awtorità tas-Swieq Finanzjarji)		Ktieb IV, Artikolu 412-42	Darbtejn fis-sena
Franza	*Sociétés civiles de placement immobilier* (Kumpaniji ta' investiment fil-bini)	*Code monétaire et financier*		Kapitolu IV, Taqsima 3 L214-50 sa L214-84	*Règlement général de l'Autorité des Marchés Financiers*		Ktieb IV, Artikolu 422-44	Annwali
Franza	*Organismes de placement collectif immobilier* (Impriżi ta' investiment kollettiv fil-bini)	*Code monétaire et financier*		Kapitolu IV, Taqsima 5 L214-89 sa L214-146	*Règlement général de l'Autorité des Marchés Financiers*		Ktieb IV, Artikolu 424-66	Darbtejn fis-sena

Stat Membru	Isem tl-kategorija tal-FI	Att legali fir-rigward tal-kategorija			Att legali li jiddetermina l-frekwenza tal-valutazzjoni			Frekwenza tal-valutazzjoni skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali
		Titolu tal-att legali	Numru/data tal-att legali	Dispożizzjonijiet relevanti	Titolu tal-att legali	Numru/data tal-att legali	Dispożizzjonijiet relevanti	
L-Italja	*Fondi chiusi* (Fondi magħluqa)	*Decreto legislativo – Testo unico delle disposizioni in materia di intermediazione finanziaria* (Digriet leġiżlattiv – id-dispożizzjonijiet kollha fil-qasam tal-intermedjazzjoni finanzjarja)	Nru 58 tal-24 ta' Frar 1998	Parti I, Artikolu 1 Parti II, Artikoli 36, 37 u 39	*Provvedimento della Banca d'Italia – Regolamento sulla gestione collettiva del risparmio* (Att tal-Banca d'Italia – Regolament dwar l-immaniġġjar kollettiv tat-tfaddil)	8 ta' Mejju 2012	Titolu V, Kapitolu 1, Taqsima II, paragrafu 4.6	Darbtejn fis-sena
		Decreto ministeriale –Regolamento attuativo dell'articolo 37 del Decreto legislativo di 24 febbraio 1998, nr. 58 (Digriet ministerjali – Regolament li jimplimenta l-Artikolu 37 tad-digriet leġiżlattiv Nru 58 tal-24 ta' Frar 1998)	Nru 228 tal-24 ta' Mejju 1999	Kapitolu II, Artikolu 12				
Il-Portugall	*Fundos de capital de risco* (Fondi tal-kapital tar-riskju)	*Decreto-Lei* (Digriet)	Nru 375/2007 tat-8 ta' Novembru 2007	Artikolu 18	*Regulamento da Comissão do Mercado de Valores Mobiliários* (Regolament tal-Kummissjoni għas-Suq tat-Titoli)	Nru 1/2008 tal-14 ta' Frar 2008	Artikoli 4 u 11	Darbtejn fis-sena"